SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GĦAXRA (KONTINWAZZJONI 2)**

**13 ta' April, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph M. Agius, u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u David Dalli.

**SKUŻAT**

Il-Vici Sindku Etienne Bonello DuPuis.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ippresjeda.

**Wara li l-Kunsillier Marica Bayliss ġibdet l-attenzjoni tal-kamra għall-ittra ndirizzata lis-Sindku, mibgħuta f’Ottubru u li għal kuntrarju li ntqal fuq il-mejda qatt ma waslu talbiet min-naħa tan-*Nursery*, instab li din qatt ma waslet għall-attenzjoni tal-Kunsill. F’dan l-istadju, is-Sindku qal li hu qatt ma ra din l-ittra u n-*Nursery* qatt ma semmietha fil-laqgħa ta’ bejniethom. Hu żied jgħid li kien verbalment offiż li wara laqgħa informali li kelli man-*Nursery* sar diskors dispreċċattiv fil-konfront tiegħu. Il-Kunsilliera preżenti kkundannaw dan l-aġir.**

*Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1*

Is-Sindku għarraf lil Kunsill li kien ser jirraporta fil-laqgħa li jmiss dwar każ imqajjem f’dan l-istadju tal-laqgħa fir-rigward ta’ ittra mingħand *San Ġwann Football Nursery* dwar it-*tournament* tal-futbol.

Fuq mistoqsija li saret dwar petizzjoni **“u ittri” “~~ndirizzata~~” “ndirizzati”** lis-Sindku u l-Kunsillieri u għalfejn ma **“~~kinitx~~” “kienux” “~~ċċirkolata~~” “ċċirkolati”** lil Membri kollha, filwaqt li l-Membri qablu li l-*istaff* kien impenjat bl-organiżazzjoni ta’ attivita’ tal-Kunsill, kien ser isir mill-aħjar sabiex ma jkunx hemm tali okkażżjonijiet.

*Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1*

**Ir-risposta li l-Kunsillier Joan Farrugia kellha mis-Segretarju Eżekuttiv kienet li “jista’ jkun li qabżulna u li kulħadd jista’ jieħu żball”. Ir-risposta li tat il-Kunsillier Joan Farrugia kienet li meta talbet lill-iskrivana, qaltilha li kellha tgħid is-Segretarju Eżekuttiv u tintbagħat b’*email*.**

*Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1*

Fuq proposta mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jiddiskuti issa *item* numru sitta tal-aġenda.

## 10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ Xogħlijiet u Attivitajiet

10.6.1 Il-Kunsill innota b’sodisfazzjon is-suċċess kbir li kellha l-attivita’ “Fiera tal-Ġbejniet” u filwaqt li sar ringrazzjment għal kull min għamel din l-attivita’ possibli, kien hemm qbil li tiġi mibgħuta korrispondenza lil aġenzija tal-gwardjani lokali u lil Pulizija għal diversi ċirkostanzi li fihom setgħu ħolqu nkonvenjent u periklu lil pubbliku, kif ukoll ittra lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fejn ikun mitlub iħallas id-danni kkawżati minnhom bit-tneħħija ta’ *billboards* tal-Kunsill ma’ riklamar ieħor fi Triq in-Naxxar b’relazzjoni mal-mawra tal-QT il-Papa’.

10.6.2 Il-Kunsill kien infurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal fondi relatati ma' festi nazzjonali, u li għal dan l-iskop kienet inkluża l-mawra f'pajjiżna tal-QT il-Papa', l-Kunsill kien ingħata €7,000 u wara kunsiderazzjoni kienet ukoll imneħħija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-klawżola li tobbliga lil Kunsill li jonfoq total ta' € 13,500 biex jikkwalifika.

10.6.3 B'riżultat ta' dan, kien sar bdil ta' għaxar bankijiet u għaxar *dust bins* fi Ġnien Karen Grech flimkien ma' xogħlijiet oħra ta' tisbiħ ta' l-inħawi.

10.6.4 Il-Kunsill kien infurmat li l-attivita' li jmiss fil-Kalendarju Kulturali hi fil-21 ta' Mejju, 2010, fejn ser isir kunċert, segwita b'bibita, b'risq il-fond *Puttinu Cares* **"bi ħlas ta' ħames *euros*"** u li kien ser jiġi mibdul il-post ta' l-attivita' li issa ser ikun il-bitħa taċ-Ċentru Parrokjali, **"~~fejn ser ikun hemm ħlas ta' ħames *euros*~~"**. **"Kienu ser jingħataw għaxar biljetti biex jinbiegħu minn kull Kunsillier u li s-Sindku u kull Kunsillier jingħata wieħed *complimentary*"**.

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

10.6.5 Kien irrapurtat każ dwar xogħlijiet ta' qtugħ fit-tarmakk fi Triq in-Naxxar kantuniera ma' Vjal in-Naspli, li kien se jiġi rraportat lill-awtorita' responsabbli.

10.6.6 Il-Kunsill approva xogħlijiet kkumissjonati lis-Sur James Sghendo għal manutenzjoni ġenerali tal-latrini pubbliċi għal valur ta' € 850.

10.6.7 Il-Kunsill kien infurmat bi *press conference* li saret, fejn il-Kunsill ingħata numru ta' *vouchers* sabiex jixtri kotba ġodda għal-librerija lokali.

10.6.8 Il-Kunsill iddiskuta rapport dwar l-*overtime* tal-impjegati matul l-aħħar sitt xhur, fejn kienu analiżżati l-possibilitajiet li ssir ekonomija f'dan il-qasam iżda rriżulta wkoll li l-Kunsill m'għandux il-*full compliment* ta' mpjegati li tippermetti l-Liġi, filwaqt li s-servizzi tal-Kunsill żdiedu kemm għal dak li hu *front office* u speċjalment dak ta' *back office* u għalhekk saret diskussjoni fuq il-possibilita' li jkun ingaġġat persuna oħra fuq bażi *part time*.

10.6.9 Il-Kunsillier Violet Bajda ressqet din il-mozzjoni :

10.6.10 *"Il-Kunsill jaqbel illi s-Segretarju Eżekuttiv iħejji rapport bil-bżonnijiet mill-aspett ta' amministrazzjoni u mpjegati sabiex il-Kunsill joffri l-aqwa servizz possibli."*

10.6.11 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

10.6.12 Il-Kunsillier Joan Farrugia kienet skużata mil-laqgħa. (6.10pm)

10.6.13 Wara referenza għal *memorandum* dwar bdil fir-responsabilitajiet ta' xi Kunsillieri, is-Sindku filwaqt li rringrazzja lil Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici għal proposta tiegħu għarrfu li din hi prerogattiva tiegħu **", u f'dan l-istadju jaħseb li kif qegħdin tajjeb."**

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

10.6.14 Il-Kunsill kien mgħarraf illi wara spezzjoni li saret fi Triq il-Kampanella, ma kinitx inħasset il-ħtieġa li ssir talba sabiex din it-triq issir *one way* peress li l-problema qed tinħoloq minn *double parking* temporanju.

10.6.15 Il-Kunsill approva xogħlijiet ta' sinjali tat-toroq u tabella għal parkeġġ kif ukoll xogħlijiet ta' *patching* fi Triq il-Ballut.

10.6.16 Il-Kunsill qabel li jsir rapport lill-Pulizija dwar parkeġġ illegali minn vetturi kbar fi Triq Santa Margerita u Vjal ir-Rihan.

10.6.17 Kien irrapurtat il-ħtieġa ta' bdil ta' siġra fi Triq Akaċja.

10.6.18 Kien irrapurtat il-ħtieġa ta' dwal ta' triq fi Triq il-Ballut u parti minn Triq in-Naxxar.

10.6.19 Kien hemm qbil li tintbagħat korrispondenza lil *Transport Malta* sabiex jiġi estiż il-ħin tas-servizz pubbliku lejn tas-Sliema.

10.6.20 Il-Kunsill approva li jsiru *belisha lights* fi Triq is-Santwarju kif ukoll li l-Perit tal-Kunsill jiġi kkumissjonat jara fejn jistgħu isiru *pedestrians crossings* fi Triq Sliema, Triq Birkirkara u Triq R. Caruana Dingli.

10.6.21 Kien hemm qbil li tinħareġ kwotazzjoni għal qtugħ ta' ħaxix fit-toroq mhux urbani kollha fil-lokalita'.

10.6.22 Il-Kunsillier Joan Farrugia daħlet lura għal-laqgħa. (7.10pm)

10.6.23 Il-Kunsill approva xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' tabelli tat-traffiku.

10.6.24 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jidħol membru tal-*European Cities Against Drugs* kif ukoll li jattendi ghal konferenza li ser issir f'Għawdex bejn it-22 u t-23 ta' April, 2010.

10.6.25 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li ma setgħax jattendi u wara talba għar-reġistrazzjoni ta' nteress, il-Kunsillier Violet Bajada kienet unanimament approvata li tirrapreżenta lil Kunsill, fejn kien hemm ukoll qbil li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni **"~~biss~~" "Il-Kunsill ma qabilx li għandu jmur xi ħadd seminar u**

**jħallas hu. Għaldaqstant qabel mal-proposta li jitħallsu dawk relatati mas-seminars lokali”**.

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

10.6.26 Il-Kunsillier David Dalli ressaq din il-mozzjoni:

10.6.27 *“Il-Kunsill jaqbel illi f’ċirkostanzi fejn ikun hemm konferenzi simili u l-Kunsill ikun ser jattendi u s-Sindku ma jkunx jista’, għandu għalhekk jiġu nnominati żewġ membri, wieħed minn kull partit politiku.”*

10.6.28 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

10.6.29 Il-Kunsill kien infurmat bil-proċess sabiex il-Kunsill japplika għal fondi taħt l-iskema ta’ *resurfacing* ta’ toroq b’sistema ta’ *public private partnership*, fejn il-Perit tal-Kunsill kien ħejja l-istima sabiex issir Triq Bellavista kollha sal-parti ta’ fuq ta’ Triq Sliema.

10.6.30 Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni li saret mis-Sindku, l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv dwar l-offerta għal sistema ta’ panelli fotovoltajiċi fuq il-parir tekniku mogħti fejn irriżulta li l-offerta ta’ *Bajada International Solar Systems Limited* kienet l-iktar offerta vantaġġjuża mill-aspett ta’ effiċjenza, effettivita’ u ekonomija.

10.6.31 **“Il-Kunsillier Violet Bajada infurmat lil Kunsill” “~~Il-Kunsill kien infurmat~~”** li saret talba mill-Parroċċa dwar il-possiblita’ li jkollha sistema simili bl-assistenza ta’ fondi mill-UE.

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

10.6.32 Il-Kunsill kien infurmat bil-ħtieġa li jsir żbir ta’ siġar f’*soft area* fi Triq l-Ispika.

10.6.33 Il-Kunsill unanimament qabel li jidħol fi ftehim mal-*MEUSAC* dwar l-assistenza għal applikazzjonijiet għal fondi mill-UE.

10.6.34 Wara diskussjoni dwar il-ftuħ tal-*cart ruts*, kien hemm qbil li jsir avviż fejn minn ġimgħa qabel ikun hemm *booking* għal mawra fis-sit fil-ġranet tal-Erbgħa u l-Ġimgħa, fejn il-Kunsillier Joan Farrugia offriet li tilqa’ u tagħti nformazzjoni lil min jattendi fi gruppi, u għal dan il-għan għandu jsir avviż fuq il-post.

10.6.35 Il-Kunsillier Neville Mallia ħareġ mil-laqgħa. (7.10pm)

10.6.36 Saret diskussjoni dwar in-nuqqas ta’ spazju fl-uffiċċju amministrattiv sabiex ikunu jistgħu jingħataw servizzi bħal taħriġ kif ukoll spazju ieħor biex jistgħu jinżammu kostumi u affarijiet simili.

10.6.37 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

10.6.38 *"Il-Kunsill jaqbel li tinħareġ sejħa għall-offerti għal kiri ta' post li jkun jista' jakkomoda l-ħtiġijiet tal-Kunsill sabiex jagħti servizzi adekwati liċ-ċittadini tiegħu kif ukoll ikollu spazju sabiex iservi ta' stores u għal ħtiġijiet futuri oħra."*

10.6.39 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata b'sitt voti favur u astenzjoni.

10.6.40 Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill iddiskuta issa *item* numru 4 fuq l-aġenda.

**10.4 Kunsiderazzjoni u Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjonijiet**

10.4.1 Il-Kunsillier Neville Mallia daħal lura għal-laqgħa. (7.55pm)

10.4.2 Il-Kunsill ikkunsidra diversi kwotazzjonijiet li ħarġu għal sejħa pubblika u li kopja tal-offerenti kollha hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "10E".

10.4.3 Fir-rigward ta' kwotazzjoni numru 10/2009 għal provista ta' *cold asphalt,* il-Kunsill unanimament approva li din tingħata lil *Bitmac Limited* peress li kienet l-irħas offerta.

10.4.4 Dwar kwotazzjoni numru 11/2009 għal provista ta' żebgħa għas-sinjali tat-traffiku, il-Kunsill unanimament approva li din tingħata lil *B. Grima & Sons Limited* peress li kienet l-iktar offerta vantaġġjuża.

10.4.5 Il-Kunsillier Violet Bajda kienet skużata mil-laqgħa. (7.43pm)

10.4.6 Kwotazzjoni numru 12/2009 għal kiri ta' vann *twin cab*, il-Kunsill unanimament approva li tiġi aġġudikata lil *ALM Garage* għal perjodu ta' erba' xhur kif ukoll li tinħareġ sejħa għall-offerti għal *long term lease* bil-possibilita' ta' xiri.

10.4.7 Dwar kwotazzjoni numru 13/2009 u 14/2009 għal provista ta' *stationery*, *toners* u karti, il-Kunsill unanimament qabel li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jagħżlu l-iktar kwotazzjoni vantaġġjuża.

10.4.8 Il-Kunsill unanimament qabel li kwotazzjoni numru 15/2009 għal provista ta' tabelli tat-traffiku tiġi aġġudikata lil *B. Grima & Sons Limited* peress li kienet l-orħos fit-tabelli u lis-Sur Mario Mallia għal mirja tat-traffiku.

10.4.9 Il-Kunsillier Violet Bajada daħlet lura għal-laqgħa. (8.10pm)

10.4.10 Kwotazzjoni numru 16/2009, għal provista ta' trasport għal attivitajiet tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li din tiġi aġġudikata lil *Paramount Garages* peress li kienet l-irħas offerta.

10.4.11 Il-Kunsillier David Dalli kien skużat mil-laqgħa. (8.20pm)

10.4.12 Il-Kunsill unanimament qabel li kwotazzjoni numru 17/2009 għas-servizz ta' manutenzjoni fil-lokalita', tiġi aġġudikata lis-Sur James Sghendo peress li kellu l-iktar rati vantaġġjużi.

10.4.13 Kwotazzjoni numru 18/2009, sabiex isir *Fixed Asset Register*, il-Kunsill unanimament approva li din tiġi aġġudikata lis-Sur Adrian Sciberras peress li kienet l-irħas offerta.

**10.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapporti tal-*Contracts Manager***

10.5.1 Il-Kunsill unanimament approva r-Rapporti tal-*Contracts Manager* li jinsabu anessi ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "10F" sa "10M".

10.5.2 Il-Kunsill kien infurmat li ser jiġi mħejji rapport dwar l-iskema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart mill-*GreenMT* u li kif jiġi konkluż ikun ippreżentat.

10.5.3 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti li tinsab mehmuża ma' dawn il-minuti bħala dokument "10N".

**10.8 Data tas-seduta li jmiss**

10.8.1 Il-Kunsill unanimament qabel li s-seduta li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tlieta 27 ta' April, 2010 fil-5.30pm.

**10.8.1a Il-Kunsillier Neville Mallia telaq mil-laqgħa fi 8.30 ta' filgħaxija.**

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

10.8.2 F'dan l-istadju tal-laqgħa kien hemm qbil li ssir estenzjoni ta' nofs siegħa sabiex jiġu diskussi punti li joħorġu mill-minuti.

10.8.3 Intalbet spjegazzjoni dwar il-metodu li bih qiegħed jiġi rkuprat id-defiċit tal-Kunsill fir-rispett ta' ħlasijiet pendenti lil kredituri, fejn kien iċċarat li filwaqt li l-*accounting treatment* hu wieħed a bażi ta' *accruals*, il-kredituri jitħallsu skond il-*cashflow*.

10.8.4 Fuq talba li saret, kien ippreżentat rendikont tal-ispejjeż relatati mal-attivita' tal-Karnival, li kopja tiegħu tinsab anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "10O", fejn kien iċċarat li dan l-ammont se jiġi mitlub mill-finanzjament li ngħata l-Kunsill mill-Gvern Ċentrali.

10.8.5 Il-laqgħa ntemmet fid-9.20pm

Konfermati, illum **20 ta' Mejju, 2010.**

______________________ ______________________

Joseph M. Agius
Sindku

Adrian Mifsud
Segretarju Eżekuttiv